# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum l-1 ta' Ottubru, 2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin Manicolo )**
**vs**
**Leonardo Gabriel Sartori**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra Leonardo Gabriel Sartori, ta' 45 sena, iben Juan Jose' u Marta Beatriz xebba Elchulk, ta' nazzjonalita' Taljana, imwieled l-Argentina fil-5 ta' Awwissu 1977, residenti gewwa kamra 503, Sunny Coast Resort, Dawret il-Qawra, Qawra u detentur tal-passaport Taljan bin-numru YA7579644.

Akkuzat talli nhar id-29 ta' Settembru 2022 ghall-habta tas-14:00hrs fi Triq Ghajn Tuffieha, San Pawl il-Bahar:-

1. B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti kkaguna offiza ta' natura gravi fuq il-persuni ta' Mary Rosaria Fenech, Marta Beatriz Elchulk u Emma Sartori u dan ai termini tal-Artikolu 226(1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, kkaguna offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Elena Cristina Popescu tal-Artikolu 226(1)(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, kkaguna hsara fuq il-vettura tal-ghamla Toyota mudell Vitz bin-numru tar-registrazzjoni ROM581 ghad-dannu ta' Mary Rosaria Fenech u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet ohra u fuq il-vettura tal-ghamla Skoda mudell Fabia bin-numru tar-registrazzjoni KQZ 739 ghand-dannu ta' KWL Ltd u/jew ta' persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet ohra u dan ai termini tal-Artikolu 328(c)(d) tal-Kap tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, u min-naha l-ohra l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fedina penali netta ta'l-imputat

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti wara li rat l-artikoli 226(1)(b), 226(1)(c) u 328(c)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah multa ta' efejn Euro (€2,000). In oltre u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 30 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tissospendih mill-licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' tlett (3) xhur.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**